

31976R1361

15.6.1976

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 154/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1361/83

ta' l-14 ta' Ġunju 1976

li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni fuq ir-ross u taħlitiet tar-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 359/67 tal-25 ta' Lulju 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 668/75⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Billi, biex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-sistema ta' rifużjoni applikabbli għall-esportazzjonijiet tar-ross lill-pajjiżi mhux membri, regoli dettaljati għandhom jiġu applikati għall-esportazzjonijiet ta' taħlitiet ta' ross li jaqgħu fis-subintestaturi tat-tariffa;

Billi r-rifużjoni fuq dawk it-taħlitiet jirriżulta mill-klassifikazzjoni tat-tariffa tagħhom, li hija normalment stabbilita skond ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tat-Tariffa Komuni Doganali;

Billi, fil-każ ta' taħlitiet ta' ross li jaqgħu fl-intestaturi differenti tat-tariffa, il-klassifikazzjoni tat-tariffa tagħti lok għall-diffikultajiet jekk tiġi stabbilita skond dawn ir-regoli; billi fil-fatt dik il-klassifikazzjoni kull tant tittizulta fl-għoti ta' rifużjoni għolja fuq taħlitiet li, iżda, jkun fihom proporzjon sostanzjali ta' prodotti li jikkwalifikaw għar-rifużjoni baxxa;

Billi, biex jiġu evitati dawn id-diffikultajiet, dispożizzjonijiet speċjali għandhom jiġu adottati biex tkun stabbilita ir-rifużjoni fuq taħlitiet ta' ross;

Billi, peress li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 669/67/KEE tas-27 ta' Settembru 1967 jipprovdi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rifużjonijiet fuq esportazzjoni tar-ross⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 941/72⁽⁴⁾, huma marbuta mill-qrib mas-sistema applikabbli għall-esportazzjonijiet ta' taħlitiet ta' ross. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament u r-Regolament Nru 669/67/KEE għandu għalhekk jiġi mħassar;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Rifużjoni ta' esportazzjoni għandha tapplika biss għal taħlitiet ta' ross li jaqgħu fis-subintestatura 10.06 A u B tat-Tariffa Komuni Doganali jekk it-taħlitiet ikunu magħmula minn ross

fl-istess stadju ta' l-ipproċessar u, fejn xieraq, ross imkisser. Ross fil-fosdqa (subintestatura 10.06 A I), ross fil-qoxra (subintestatura 10.06 A II), ross nofsu midħun (subintestatura 10.06 B I) u ross midħun kollu kemm hu (subintestatura 10.06 B II) għandu kull wieħed jitqies li jkun fi stadju differenti ta' ipproċessar.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, ir-rifużjoni ta' esportazzjoni applikabbli għall-prodotti li jaqgħu fl-intestatura Nru 10.06 tat-Tariffa Komuni Doganali u komposti minn rossa tonda, rossa twila u ross imkisser għandhom ikunu dawk applikabbli:

- (a) għal taħlitiet li jkun fihom 40 % jew anqas skond il-piż ta' ross imkisser li jaqgħa fis-subintestatura 10.06 C tat-Tariffa Komuni Doganali:
- għall-komponent predominanti skond il-piż, meta dak il-komponent ikun jirrappresenta ta' l-anqas 90 % tal-piż tat-taħlitiet, bil-piż tar-ross imkisser ikun l-ewwel imnaqqas,
 - għall-komponent, ħlief ross imkisser, li għalih tapplika l-anqas rifużjoni, meta ebda wieħed mill-komponenti ma jkun jirrappresenta għall-anqas 90 % tal-piż tat-taħlitiet, bil-piż tat-taħlitiet jkun l-ewwel imnaqqas;
- (b) għal taħlitiet oħra, għall-ross imkisser li jaqa' taħt is-subintestatura 10.06 C tat-Tariffa Komuni Doganali.

Artikolu 3

Meta ross esportat li jaqa' fis-subintestatura 10.06 A jew B tat-Tariffa Komuni Doganali jkun fih ross imkisser li jaqa' fis-subintestatura 10.06 C, ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għandha titnaqqas kif ġej:

Perċentwal ta' ross imkisser	% riduzzjoni tar-rifużjoni
'Il fuq 0 u sa 5	0
'Il fuq 5 u sa 10	2
'Il fuq 10 u sa 15	4
'Il fuq 15 u sa 20	6
'Il fuq 20 u sa 30	15
'Il fuq 30 u sa 40	30

⁽¹⁾ ĠU C 174, tal-31.7.1967, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 72, ta' l-20.3.1975, p. 18.

⁽³⁾ ĠU C 241, tal-5.10.1967, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU L 107, tas-6.5.1972, p. 10.

Artikolu 4

Ir-Regolament Nru 669/67/KEE qiegħed b'dan jiġi mħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1976.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fl-14 ta' Ġunju 1976.

Għall-Kummissjoni
P.J. LARDINOIS
Membru tal-Kummissjoni
